FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR ID-29 TA' LULJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR
VS
MOHMED SEF ALDEN DAG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohmed Sef Alden ta' 25 sena ta' cittadinanza Libjana, iben Sef Aden u Salha nee Dag, imwieled Sirja fl-24 t'April 1977 u fil-present joqghod fl-indirizz Saivel Buildings Block D, Flat 2, Triq Dawret ix-Xatt Xghajra detentur tal-passaport numru 951441/91 mahrug f'Tarhuna Libja fl-4 t'Awissu 1995 u tal-karta tal-identita numru 0019664(A) talli f'Dawret ix-Xatt, Xghajra l-bierah l-Erbgha 17 ta' Lulju 2002, ghal habta ta' xi t-tlieta ta' wara nofsinhar kif wkoll ghal habta ta' xi l-hdax u nofs ta' filghaxija:

a. ingurja, hedded u ghamel offiza ta' natura offiza, salv kumplikazzjonijiet, fuq il-persuni tas-surgent 1428 Jesmond Delia, tas-Surgent 91 Michael Buttigieg, u tal-kuntistabbli 941 Mario Schembri, skond ma certifikaw it-Tobba Dr S Attard MD, mit-Taqsima tal-ENT u Dr Andrew J Attard MD mit-Taqsima tal-Emergenza ta' l-isptar San Luqa, liema persuni huma inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, bi ksur tal-artikolu numru 95 tal-Kodici Kriminali.
b. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi attakka, ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess PS1428 J Delia, PS91 M Buttigieg kif wkoll PC941 M

Schembri inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti bi ksur ta' l-artikolu numru 96 tal-Kodici Kriminali.

c. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu Caroline Mifsud Bonnici f'periklu car, kkagunalha diversi offizi ta' natura hafifa, skond ma ccertifika Dr  M Martinelli MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, bi ksur ta' l-artikolu 214 u 215 tal-Kodici Kriminali.

d. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess martu Caroline Mifsud Bonnici kontra l-volonta taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna u mhedda bil-mewt, bi ksur tal-artikolu 86©.

e. Talli fl-sitess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe l-uniformi tas-servizz ta' l-istess membri tal-Pulizija hawn fuq imsemmija, liema ammont ta' hsara ma jeccedix il-hamsin lira imma jeccedi l-ghaxar liri maltin bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali.

f. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, bi ksur ta' l-artiklu 338(m) tal-Kodici Kriminali.

g. Talli fl-istess lok, jum, hinu cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita u cioe tal-ufficjali tal-Pulizija hawn fuq imsemmija, liema persuni huma inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, bi ksur tal-artiklu 338(cc) tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-29 ta' Lulju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-istess verbal tad-29 ta' Lulju 2002 fejn l-imputat obbliga ruhu li jhallas Lm10.83, hsarat kagunati fl-uniformijiet tal-Pulizija.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 95, 96, 214, 215, 86©, 325, 338(m), 338(ee) u 28A tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152 tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin u in oltre ai termini tal-Art 28G tal-kap 9 tqieghed l-imputat taht suspended sentence supervision order ghat-terminu fuq indikat taht is-supervizzjoni ta' Probation Officer Carmen Nygaard li fost l-istruzzjonijiet taht Art 28G(3) tal-kap 9 ghandha taghti l-istruzzjonijiet lill-imputat (li beda programm ta' anger management mal-Appogg) ghandu jkomplu dan il-programm sal-finalita tieghu.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.